Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 125 / 2017

Il-Pulizija

(Supt. Kevin Farrugia)

vs

**Brian Muscat**

Illum, 14 ta' Gunju, 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Brian Muscat, iben Daniel, imwieled Pieta' fit-30 ta' Jannar, 2017, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 58266 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar il-31 ta' Dicembru 2004, minn gewwa l-fond numru 106, appartament numru 2, Triq Brared, Birkirkara:

1. ikkommetta serq ta' proprjeta' ghad-dannu ta' Mary Gravino u terzi ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bil-lok u dan *ai termini* tal-Artikoli 261, 263, 264, 265, 267, 270, u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fir-residenza numru 106, appartament numru 2, Triq Brared, Birkirkara, ghad-dannu ta' Mary Gravino, liema hsara ma teccedix il-Lm500.00 imma

izjed minn Lm50.00 u dan *ai termini* tal-Artikolu 335(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli nhar il-31 ta' Dicembru 2004, minn gewwa l-fond numru 106, appartament numru 1, Triq Brared, Birkirkara:

3. ikkommetta serq ta' proprjeta' ghad-dannu ta' Ivan u Antoinette Mizzi u terzi ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur u bil-lok, u dan *ai termini* tal-Artikoli 261, 263, 264, 265, 267, 270 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fir-residenza numru 106, appartament numru 1, Triq Brared, Birkirkara, ghad-dannu ta' Ivan u Antoinette Mizzi, liema hsara ma teccedix il-Lm500.00 imma izjed minn Lm50.00 u dan *ai termini* tal-Artikolu 335(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. wara li kien gie kkundannat f' Malta ghal serq jew ricettazzjoni, instab fil-pussess tieghu oggetti ohra (turnavit) li ma kinux talkundizzjoni tieghu u talli nstabu wkoll ghandu mfietah, imqabblin jew falsifikati, tajbin ghall-ftuh jew sgassar ta' serraturi, minghajr ma kien ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu nstabu ghandu f' dan iz-zmien u dan *ai termini* tal-Artikolu 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta , liema sentenza saret definitiva u ma tistax tinbidel;

7. sar recidiv b' diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Marzu, 2017 fejn il-Qorti,

filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tas-sitt (6) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-imputat, illiberat lill-imputat minn Artikolu 335 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta (liema Artikoli jinsabu elenkati fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali) u wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 15 ta' April 2005 u senjatament Artikoli 49, 50, 261 (b), 261 (c), 261 (e), 261 (f), 263, 267, 269 (g), 270 u 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat Brian Muscat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tal-hames (5) u tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal perjodu ta' **erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija**.

Rat ir-rikors tal-appellanti Brian Muscat minnu pprezentat fit-22 ta' Mejju, 2017 fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Onor. Qorti ghal dik li hija sejbien ta' htija u liberatorja relattiva, izda tirrifomaha in kwantu ghal piena u dana billi taghti piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi jhoss ruhu aggravat mill-piena lilu moghtija u dana billi kellha tigi lilu erogata piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi.

Il-fatti tal-kaz huma semplici. L-appellanti tressaq akkuzat ta' serqiet li kienu saru fi blokk appartamenti. L-appellanti nqabad gewwa l-binja u nqabad bl-affarijiet kollha li gew misruqa. Minn tfittxija li saret fuq l-imputat nstab id-deheb u l-appellanti stess indika lill-ufficjali tal-pulizija l-karusijiet li ghadu kif kien hadhom minn gol-appartament in mertu .

Dan il-fatt gie konfermat mix-xhieda Supt. Kevin Farrugia, ufficjali ohra tal-pulizija kif ukoll rubati.

B' mod partikolari xehed PS 1393 Carmel li spjega kif fil-31 ta' Dicembru 2004 ghall-habta tad-9.00 pm dahlet telefonata anonima fl-Ghassa tal- Pulizija ta' Birkirkara fejn inghad li kienu dahlu xi nies mhux awtorizzati fil-fond 106, Triq Brared, Birkirkara. Mar fuq il-post ma zewg kollegi u huma u dehlin raw lill-appellanti fuq il-post. Huwa minnu ghalhekk dak li kkonkludiet il-Qorti li l-appellanti inqabad in flagrante delicto bil-hwejjeg misruqa gewwa l-blokka tal-appartamenti n mertu.

Kif inghad l-aggravju tal-appellanti hija fir-rigward tal-piena lilu moghtija u dana minhabba s-segwenti fatturi:

i. ma nghatax id-debita konsiderazzjoni ghax-xhieda moghtija mill-probation officer li qed isegwi lill-appellanti.

ii. Ma nghatatx id-debita konsiderazzjoni ghall-fatt li l-appellanti ilu ghal diversi snin ibaghti mill-vizzju tad-droga.

iii. Ma nghatax id-debita konsiderazzjoni ghall-fatt li l-atti mertu graw aktar minn tnax il-sena u nofs ilu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Rat li r-rikorrenti gie imresaq il-Qorti nhar l-1 ta Jannar 2006 u gie akkuzat fost akkuzi ohra talli inter alia ikkommetta serq ta' proprjeta aggravate bi-mezz valur, hin u lok, ta' hsara volontarja fuq proprjeta ta' terzi u ta' ricettazzjoni.

Rat illi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali r-rikorrenti gie lliberat mit-tieni, mir- raba' u mis-sitt akkuzi u instab hati tal-ewwel, tat-tielet tal-hames u tas-sebgha akkuzi u gie kkundannat ergbha u ghoxrin xahar prigunerija.

Illi in segwitu gie intavolt appell mill-istess rikorrenti li ghadu sub judice.

Ili fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2019 l-appellant talab li din il-Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga ai termini tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 u talab li jitharrek iI-Probation Oficer Matthew Fleri Soler bhala xhud ghal dan il-ghan.

Illi fil-25 ta' Marzu 2019 r-rikorrenti pprezenta rikors fejn rega' talab llil din il-Qorti sabiex fit-termini tas-sub artikolu 3 tal-Kapitolu 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga.

Illi ghal dan il-ghan ir-rikorrenti talab li jharrek lil Probation Officer Matthew Fleri Soler u lil rappresentant tas-Sedqa.

Illi fit-28 ta Marzu 2019 l-Avukat Generali pprezenta r-rispota tieghu fejn stqarr li ma kienx qed joggezzjona li jinstemghu x-xhieda elenkati fir-rikros izda irriserva li jwiegeb ghat-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors tieghu stante lil-kweziti fil-ligi iridu jigu sodisfatti ghal konverzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti f'wahda dwar id-Droga.

Nhar it-2 ta' April, 2019 xehed il-**Probation Officer Matthew Fleri Soler** u stqarr l l-ewwel kuntatt li kellu mar-rikorrenti kien fis-sena 2014 meta kien gie mitlub jghamel pre-sentencing report fil-konfront tieghu. rega' iltaqa' mieghu fis-sena 2015 ghall-istess skop u cioe' beix jghamel social inquiry report fil-konfront tieghu. Intalab jghamel rapport iehor fis-sena 2016 u bhal issa qed isegwih fuq Probation Order ta' tlett snin li inharget mill-Qorti f'Marzu tas-sena 2017.

Għalhekk qal li sa issa għaddew sentejn minn meta beda isegwih fuq Probation Order u jgħid li ma kienx kaz ta' plain sailing. Kien hemm ups and downs. Jgħid li r-rikorrenti għadda minn certu esperjenzi certu trawmi illi l-konsegwenza tagħhom wassal għal-relapse ukoll fuq id-droga. Jgħid li dawn kienu fis-sena 2017 u wara kien hemm xi appuntamenti li ma zammx. Jgħid li pero' illum is-sitwazzjoni hi piuttost tajba fis-sens li jibgħat għalih kull gimgħatejn jew tlett gimgħat u kwazi isirulu t-testijiet tal-awrina u f'din l-aħħar sena it-testijiet dejjem taw rizultat fin-negattiv. Ikkonferma li l-aħħar relapse kien f'April 2018. Jgħid li hemm certu issues li jrid jaħdem fuqhom.

Fis-sena 2014 r-rikorrenti kellu siequ amputata u għalhekk dan jillimitah fil-ħajja ta' kuljum u għalhekk jekk jikkometti ruħu ma xi agenzija biex jieħu t-terapija vis á vis id-droga għandu diffikolta. Jgħid li pero' kull darba li kien hemm relapse xorta zamm kuntatt miegħu u fi spazju ta' xahar jew xahar u nofs rega' beda jagħti urines li kienu clean.

Qal li kien irreferih għal Caritas pero' kien mar xi zewg appuntamenti u ma baqax imur pero' sa fejn jaf hu din l-aħħar sena ma għamilx uzu mid-droga għall-inqas mit-tstijiet li għamillu dawn taw rizultat negattiv għal tali presenza.

Mistoqsi x'kienu dawn it-tawmi li għadda minnhom ir-rikorrenti jgħid li l-aħħar waħda kienet il-mewt ta' ommu. Huwa kien jgħix magħha fi flat u gja kien hemm issue ta' loneliness allura meta mietet dan zdied. Hemm xi support mingħand ħutu pero' dan hu limitat. Spjega li lonliness hija waħda mill-issues li tillmtah anke fir-rigward ta' rehab u dan għaleix mhux l-ewwel darba li kien hem nies li jieħdu vantagg minnu peess li jħossu lonely imbagħad jattacja ruħu magħhom u dan ikun għal skop ta' teħid ta' droga li jattaccjaw miegħu. Trawma oħra kienet il-breakdown taz-zwieg tiegħu.

Qal li amputawlu saqajh peress li kien jinjetta d-droga kokajina fil-vina u kien hemm daqqa li hadha hazin u ghalhekk bejn is-sena 2014 u 2015 saqajh giet amputata.
Fid-9 ta April 2019 r-rikorrenti rega' pprezenta rikors iehor fejn talab lil din il-Qorti tisma ix-xhieda ta' Dr. Anna Maria Vella li tahdem id-Detox u din it-talba giet notifikata lill Avukat Generali li min naha tieghu iddikjara li ma kienx qed joggezzjona u l-Qorti laqghet it-talba .

Fis-seduta tad-9 ta' Mejju, 2019 xehdet **Isabelle Jacobsen** u qalet li giet mghotija rapport mill-leader tad-Drugs Committee team tas-Sedqa. Stqarret li r-rikorenti kien beda ma dan it-team fis-sena 1992 u baqa' ghaddej sas-sena 1995. Imbaghad kien hemm hafna dati meta beda u waqaf u dan sas-sena 2015 meta kien l-ahhar li rawh minn Awwissu 2015 'l quddiem ma kienx hemm aktar kuntatt. Hija pprezentat r-rapport taghha li gie markat bhala dok IJ fejn hemm id-dati, l-perijodu li huwa kien in kuntatt maghhom liema dati huma sporadiki.

**Dr Anna Maria Vella** xehdet u spjegat li r-rikorrenti kien f'kuntatt mad Detox minn 1992 sas-sena 1997. Qalet li dak iz-zmien ma kienx ikollhom tabib wiehed li jara l-pazjenti kollha kienu ajrawh tobba differenti pero' minn Settembru 1997 sa Gunju 2000 kient tarah hi b'mod regolari. Qalet li imbaghad rega' tfacca fis-sena 2004. Qalet li kien ilu sena il-habs pero' kien ukoll clean ghal certu zmien pero' rrelapsja wara tlett snin u rega' mar id-Detox f'Gunju 2004. Dak iz-zmien ma tantx kien jmur b'mod regolari. F'Dicembru 2004 talab li ma jibqax jigi, fil-fatt ha l-control card. Dik hija card fejn jinkitbu l-medicini perikoluzi u b'hekk dakli jkun ma jkomplix jattendi d-Detox. Rega' mar ghandhom mal-pulizija f'Settembru kif ukoll f' Dicembru 2006. Minn Dicembru 2006 baqa' jiehu l-methadone sa Frar 2007. Rega' tfacca darbtejn f Awwissu 2009 u f'Settembru 2009 meta rah Dr George Grech. Rega' ma dehrx imbaghad f'Novembru 2012 rega' beda l-methadone ghal xi zmien qasir imbaghad ma marx izjed. L-ahhar li rawh kien f'Novembru 2012 .

Fiz-zmien meta kienet tarah u cioe bejn 1997 u s-sena 2000 tghid li r-rikorrenti kien qed jissepara u jannulla z-zwieg tieghu u taf li kellu tifel b'xi marda. Imbaghad taf li

martu harget min hajtu u mar jghix mal-familjari tieghu u gieli mar akkompanjat minn missieru jew minn huh.

Semghet lill-partijiet.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat dak li jipprovdi l-artikolu 8 (1) ai fini tat-talba tal-appellanti lijipprovdi s-segwenti:-

*8. (1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li,irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal procedure quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija , u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema' , toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.*

Illi ghalhekk jidher car li sabiex dak li jkun jista' jghamel talba ghal tali talba quddiem din il-Qorti u cioe' sabiex tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga iridu jigu sodisftti b'mod preliminari zewg rekwiziti u cioe':_

1. Ir-reat li jkun akkuzat bih ma jistax ikollu piena li teccedi seba' snin priġunerija u f'kaz li din il-kondizzjoni hija sodisfatta jibqa' t- tieni kundizzjoni u cioe'
2. Li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti.

Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:

*(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;*
*(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regolari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;*
*(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga*

Illi pero' din il-Qorti ma tistax tara jekk l-kundizzjonijiet imsemmija fis-sub inciz (2) humiex sodisfatti qabel ma taccerta ruhha li l-piena ghar-reati adebtati fil-konfront tal-appellanti ma tecceddix is-sebgha snin prigunerija.
Illi fil-kaz in esami jidher car li l-piena tar-reati addebitati fil-konfront tal-appellanti tmur hafna oltre is-sebgha snin prigunerija minkejja li l-ewwwel Qorti ikundannatu ghal erbgha u ghoxrin xahar prigunerija dwar l-akkuzi li sabitu hati taghhom.

Il-Ligi ma titkellimx li l-akkuzat ma jistax jinsab hati ta' piena oltre s-sebgha snin prigunerija izda li r-reati li bihom gie akkzuat m'ghanadhomx jeccedu is-sebgha snin prigunerija bhala piena li tista' tinghata.

F'dan il-kaz r-rikorrenti huwa akkuzat fost akkuzi ohra bir-reat ta' serq aggravat bil-mezz, valur, hin u lok:-

Issa ghar-reat ta' serq aggravat bil-valur il-piena prospettata fil-ligi hija s-segwenti:
279.*Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"valur" biss, jeħel*
*b) jekk il-valur tal-ħaġa misruqa jkun iżjed minn elfejntliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), il-piena ta' priġunerija għalżmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin.*

Illi pero' jekk s-serqa hija aggravata b'aggravji ohra kif inhu l-kaz in dezamina u cioe' mezz, lok u hin allura japplika ukoll l-artikolu 280(2) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi s-segwenti:-

(2) *Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"valur", ikunakkumpanjat ukoll bil-kwalifika tal-"vjolenza" jew tal-"mezz", jewbit-tnejn, għandha tingħata l-piena li hemm għas-serq akkumpanjat b'dawk il-kwalifiki:*

Din il-Qorti ghalhekk hija prekluza mill-ligi stess li tikkonverti ruha f'Qorti ta' Droga, stante li l-piena applikabbli teccedi is-sebgha snin prigunerija imsemmija fl-artikolu 8 (1) tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tichad it-talba tar-rikorrenti u tordna li l-kaz jigi trattat fuq il-mertu tal-appell.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur